MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 3/2008

**Dorothy Rossi**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Marzu, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tas-6 ta' Marzu 2007 fejn waqqaf l-Ghajnuna Socjali lil Rossi, u wkoll l-appell taghha li dahal fit-12 ta' Marzu 2007.
>
> Irrezulta li din d-decizjoni ttiehdet ghaliex siefret l-Awstralja u ma avzatx lid-Dipartiment, u wkoll

> ghaliex ir-rizorsi kapitali taghha jeccedu l-limitu konstentit.
>
> L-appellanti spjegat ic-cirkostanzi tas-safra taghha l-Awstralja izda rrezulta li l-mezzi taghha wara li nbieghet id-dar matrimonjali huma ta' aktar minn sitt elef lira; l-appellanti kkontendiet li kienet irrifondiet tlett elef u hames mitt lira lil ohtha l-Awstralja ghal self, izda ma kienitx f'posizzjoni li tiggustifika jew tispjega dan is-self; gie lilha spjegat mir-rapprezentant tad-Dipartiment li hija tkun intitolata ghal din l-ghajnuna fil-kaz li l-mezzi taghha jkunu taht il-limitu.
>
> Fid-dawl tal-fatti u dokumenti esebiti, l-Arbitru hu tal-fehma li d-decizjoni imsemmija kienet gustifikata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud.**"**

Minn din is-sentenza appellat ir-rikorrenti Dorothy Rossi bl-aggravju illi l-Arbitru halla barra mill-konsiderazzjonijiet tieghu elementi ta' provi oggettivi riferibilment ghall-ispejjez zborsati minnha, u li hi telenka f'lista annessa mar-rikors ta' l-appell taghha;

Fit-twegiba tieghu d-Direttur jibda biex joggezzjona ghall-esebizzjoni ta' dik il-lista u dokumenti ohra annessi u, anzi, talab li dawn jigu sfilzati. Fil-meritu, jissottometti illi l-asserzjoni ta' l-appellanti ma kienetx fondata;

Fuq il-konsiderazzjoni tat-talba ghall-isfilz tad-dokumenti li gew mill-appellanti annessi mar-rikors ta' l-appell taghha ghandu jinghad illi rikjesta bhal din mhix sostenibbli. Hu provvdut mill-Artikolu 145 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi fi grad ta' appell "mar-rikors, mat-twegiba u mar-replika, ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet tal-wiehed jew l-eccezzjonijiet ta' l-iehor". Jinzel minn dan illi meta l-appellanti ezibit dawk id-dokumenti flimkien mar-rikors ta' l-appell taghha, dan hi

setghet taghmlu bis-sahha ta' dan il-provvediment. Fi kliem il-Qorti ta' l-Appell kolleggjali jsegwi, illi "ghalhekk ma jidherx li din il-Qorti tista' tilqa' t-talba ta' l-appellat u tordna l-isfilz taghhom mill-process ghar-raguni moghtija mill-istess appellat" ("**Giuseppe Mizzi -vs- Angelo Sive Gulinu Buttigieg**", Appell Civili, 5 ta' Gunju, 1961);

Spjanat dan l-incident insort bit-twegiba tad-Direttur appellat, ghall-brevita` l-atti jipprovvdu dan il-kwadru:-

(1) L-appellanti kienet il-beneficcjarja ta' Ghajnuna Socjali sat-23 ta' Marzu, 2007;

(2) Din l-ghajnuna giet imwaqqfa lilha ghaliex kif jinghad fl-ittra tad-Direttur tas-6 ta' Marzu, 2007 mibghuta lill-appellanti (fol. 52) din qabdet u siefret minn Malta u lilu ma avzatux b'din ic-cirkustanza. Aktar tard fil-kors tar-risposta tieghu quddiem l-Arbitru, l-istess Direttur zied b'raguni ohra l-fatt li mir-rikavat tad-dar matrimonjali l-appellanti kellha valur ta' rizorsi kapitali in eccess tas-somma massimali ta' sitt elef lira (Lm6000) (fol. 12);

(3) Fil-gravam sottomess minnha lill-Arbitru l-appellanti spjegat illi sehmha mill-bejgh tad-dar matrimonjali kien Lm17,800. Minn atti ohra rrizulta li dan s-sehem kien ta' Lm19,000. L-istess appellanti ddikjarat ukoll illi hi kellha hafna dejn ma' ohtha li toqghod l-Awstralja u ghalhekk iddecediet li tmur taraha;

(4) Mill-Minuta ta' l-unika seduta mizmuma quddiem l-Arbitru fis-27 ta' Frar, 2008 (fol. 10) jirrizulta illi l-appellanti ma ressqet ebda prova dokumentali ghas-sostenn ta' l-allegazzjoni taghha illi ohtha kienet tibghatilha l-flus. Fl-istess seduta jinsab verbalizzat ukoll illi l-appellanti kienet wriet lill-Arbitru *statement* bankarju li kien juri l-qaghda tad-depozitu taghha mal-Bank of Valletta fis-26 ta' Frar, 2008;

Fuq il-bazi ta' dan il-kwadru premess l-Arbitru sab li l-gravam sottopost lilu ma kienx wiehed gustifikat u ghadda

biex cahad l-appell. Hu kontra din il-konkluzjoni li l-appell devolut lil din il-Qorti hu koncentrat. Dan bil-motiv espost fl-introduzzjoni ta' l-odjerna decizjoni;

Kazijiet tax-xorta hawn ezaminata ngiebu f'aktar minn okkazjoni wahda ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti. Fid-decizjonijiet moghtija din l-istess Qorti ma naqsetx milli tissenjala illi kollox kien jiddependi fuq il-valur u l-kredibilita` tal-provi u l-formazzjoni tal-konvinciment f'min hu msejjah biex jarbitra. Ara, fost ohrajn, "**Anna Faniello -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 7 ta' Frar, 2007, u "**Marcelle Tanti -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 9 ta' Mejju, 2007. Proprju f'dawn l-istess sentenzi ssokta jigi rilevat illi l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u l-gudizzju fuq l-attendibilita` u l-kredibilita` taghhom ma humiex hekk soggetti ghac-censura f'din is-sede jekk mhux fil-limiti ta' kritika tal-motivazzjoni ghaliex din tkun tirrizulta illogika jew inkongruwenti. Qaghda din li, fil-kaz prezenti, ma tirrizultax;

L-appellanti tillimita ruhha ghal-lanjanza illi l-Arbitru ma hax in konsiderazzjoni l-elementi kollha tal-provi akkwiziti fil-process quddiemu. Din il-lanjanza, ghal din il-Qorti, mhix sostenibbli. Apparti l-osservazzjoni guridika illi l-Arbitru kien fakoltizzat li jqieghed ghab-bazi tad-decizjoni tieghu fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra, u apparti wkoll l-osservazzjoni sussidjarja illi l-Arbitru lanqas ma hu tenut li joqghod jiddibatti kull element singolu tal-provi, hu ben car mill-korp tad-decizjoni appellata illi l-konvinciment ta' l-Arbitru kien imsejjes fuq il-konsiderazzjoni illi l-appellanti naqset milli sodisfacentement tiddemostra l-bazi ta' l-assunt taghha li kien jimmeritaha tkompli tippercepixxi l-ghajnuna socjali;

Ghall-istess konkluzjoni tasal din il-Qorti fuq l-evalwazzjoni taghha tal-provi u tad-dokumenti. Jibda biex jinghad illi hu ferm difficli ghal din il-Qorti li temmen, fuq it-test tal-verosimiljanza, illi mid-19 ta' Jannar, 2007 data tal-bejgh tal-fond matrimonjali (ara kopja a fol. 33), sal-

mument li twaqqfitilha l-ghajnuna (Marzu 2007) hi effettivament inkorriet fi spejjez f'tali ammont li l-assi kapitali taghha, ossija s-sehem li rceviet mir-rikavat, irreduca ruhu taht il-margini stabbilit mil-ligi ghal fini tal-Ghajnuna Socjali. Dan biex ma jinghadx ukoll illi l-allegata rimborsament minnha lil ohtha tas-somma ta' Lm3500 in linea ta' debiti ma tinsab minn imkien korroborata bi prova dokumentali konkreta u affidabbli hlief dik ta' l-allegazzjoni nnifisha li dwarha, ikollu jinghad li hi wahda dubbjuza, jew almenu ta' kredibilita` skarsa. Lanqas ukoll, del resto, ma jista' jaghmel prova l-i*statement* bankarju esebiti mar-rikors ta' l-appell ghax dan kien se mai juri l-qaghda ta' l-akkont fis-sena 2008 u mhux ukoll dik li kienet fl-2007 meta gie sospiz lilha l-beneficcju.

Ghal dawn il-motivi predetti l-appell qed jigi michud u s-sentenza ta' l-Arbitru, ikkonfermata. L-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------